MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Numru. 260/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Carmel Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Carmel Borg, iben George u Alfrida nee` Bathurst, imwieled Pieta` fid-9 ta’ Novembru 1981 u residenti gewwa Block 10B Flat 5, Triq Pietro Rossel, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 613781M

Akkuzat talli nhar is-7 ta’ Frar 2012 gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputat bhala wiehed li kiser il-kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D datata 3 ta' Ottubru 2011.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-lum stess, l-Ufficjal Prosekutur irtira l-ahhar imputazzjoni rigwardanti ksur ta' kundizzjoni imposta fuq l-imputat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dr. E. Grima nhar it-3 ta' Ottubru 2011;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, l-fatt illi l-fedina penali tieghu mhijiex wahda allarmanti u li l-imputat jidher li qed jaghmel hiltu sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, oltre l-fatt illi huwa kkopera bis-shih mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn millum bil-kundizzjonijiet kontenenti fl-Ordni tal-Probation hawn annessa, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In vista tal-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur irtira t-tielet imputazzjoni originarjament migjuba fil-konfront tal-

imputat, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess imputazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqos milli jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument NS2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------